REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1808

tal-21 ta' Settembru 2023

li jistabbilixxi l-mudell għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-ippjanar għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-rispons fir-rigward ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2022/2371 jistabbilixxi mekkaniżmi u strutturi għall-koordinazzjoni tat-tħejjija u r-rispons għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa, inkluż ir-rappurtar dwar l-ippjanar għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

(2) Skont l-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/2371, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni b'rapport aġġornat dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-prevenzjoni, t-tħejjija u r-rispons fil-livell nazzjonali u, fejn xieraq, fil-livelli interreġjonali transfruntier sas-27 ta' Diċembru 2023 u kull 3 snin minn hemm 'il quddiem.

(3) It-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2022/2371 jistabbilixxu l-informazzjoni dwar l-ippjanar għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-rispons li l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-aġenziji u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni.

(4) Skont l-Artikolu 7(2)), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/2371, kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni li tirċievi għad-dispożizzjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC) f'rapport imħejji f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u ma' aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-Unjoni. Dak ir-rapport għandu jinkludi profili tal-pajjiżi għall-monitoraġġ tal-progress u għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu indirizzati l-lakuni identifikati fil-livell nazzjonali li għalihom il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet ġenerali filwaqt li tqis l-eżiti tal-valutazzjoni tal-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament.

(5) Skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2022/2371, abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tibda diskussjoni fl-HSC dwar il-progress u n-nuqqasijiet fit-tħejjija. Ħarsa ġenerali lejn ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport għandha tiġi ppubblikata fuq is-siti web tal-Kummissjoni u tal-ECDC.

(6) Il-mudell għall-kwestjonarju li għandu jintuża mill-Istati Membri meta jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura r-rilevanza tiegħu mal-objettivi identifikati f'dak il-paragrafu u l-komparabbiltà tiegħu, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tal-informazzjoni rikjesta u ppreżentata. Il-mudell ġie elaborat f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tħejjija tal-HSC bil-parteċipazzjoni attiva tal-maġġoranza tal-Istati Membri, id-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni, l-ECDC, u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Il-mudell ġie allinjat, fejn possibbli, mar-Rapport ta' Awtovalutazzjoni tal-Istat Parti (SPAR) tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa,

([1]) ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-mudell li għandu jintuża mill-Istati Membri meta jipprovdu informazzjoni dwar l-ippjanar għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-rispons tagħhom fir-rigward ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2022/2371, kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament, huwa adottat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Werrej

A. Kapaċitajiet tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) 2005 108

1. Strumenti ta' politika, legali u normattivi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) 2005 108

2. Finanzjament 109

3. Laboratorju 110

4. Sorveljanza 113

5. Riżorsi umani 114

6. Ġestjoni ta' emerġenza tas-saħħa 115

Il-ġestjoni tar-rispons ta' emerġenza tas-saħħa 115

Il-ġestjoni tal-loġistika u tal-katina tal-provvista ta' emerġenza 118

7. Forniment ta' servizzi tas-saħħa 121

8. Komunikazzjoni tar-riskju 124

9. Punti ta' dħul (PoEs) u saħħa fil-fruntieri 125

10. Il-mard żoonotiku u t-theddid ta' oriġini ambjentali, inklużi dawk minħabba l-klima 126

11. Avvenimenti kimiċi 127

B. Kapaċitajiet addizzjonali skont ir-Regolament (UE) 2022/2371 129

12. Reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) u Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (SAIs) 129

AMR 129

Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAIs) 134

13. Funzjonijiet ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ fil-livell tal-Unjoni 135

14. L-iżvilupp tar-riċerka u l-evalwazzjonijiet biex tiġi infurmata u aċċellerata t-tħejjija f'każ ta' emerġenza 137

15. Elementi ta' rkupru 139

16. Azzjonijiet meħuda biex jittejbu n-nuqqasijiet misjuba fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons 139

C. Oħra 141

A. KAPAĊITAJIET TAR-REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI TAS-SAĦĦA (IHR) 2005

1. **Strumenti ta' politika, legali u normattivi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) 2005**

	Mistoqsija		Indikatur
A.1.1	Fir-rigward tal-istrumenti legali tal-Istat Membru tiegħek għat-tħejjija u għall-ippjanar għar-rispons, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:		Indikatur 1-5
		livell	
	L-istrumenti legali ma jinkorporaw l-ebda koordinazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern waqt emerġenza tas-saħħa pubblika	1	
	L-istrumenti legali jinkorporaw xi koordinazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern waqt emerġenza tas-saħħa pubblika	2	
	L-istrumenti legali jinkorporaw xi koordinazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern waqt emerġenza tas-saħħa pubblika. Barra minn hekk, l-istrumenti legali jinkorporaw ukoll xi koordinazzjoni mas-setturi responsabbli għall-infrastruttura kritika waqt emerġenza tas-saħħa pubblika	3	
	L-istrumenti legali jinkorporaw xi koordinazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern waqt emerġenza tas-saħħa pubblika. Barra minn hekk, l-istrumenti legali jinkorporaw ukoll xi koordinazzjoni mas-setturi responsabbli għall-infrastruttura kritika waqt emerġenza tas-saħħa pubblika. Minbarra dan, il-livell ta' tħejjija operazzjonali ta' dawn l-istrumenti legali ġie ttestjat fl-aħħar 3 snin	4	
	Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, hemm mekkaniżmu għar-rieżami u għar-reviżjoni tal-istrumenti legali (jekk ikun meħtieġ abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-ittestjar)	5	
	— Jekk livell 5: pajjiżek irreveda l-istrumenti legali f'dawn l-aħħar 3 snin? (iva/le) — Jekk iva, jekk jogħġbok tella' l-links rilevanti (mhux obbligatorju għal l-Istati Membri): — Kummenti addizzjonali:		
A.1.2	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, l-istrumenti legali ta' pajjiżek għall-implimentazzjoni tal-IHR 2005 jassenjaw proċess ċar ta' teħid ta' deċiżjonijiet, li jista' jinkludi awtorità waħda jew aktar? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli (N/A)

2. **Finanzjament**

	Mistoqsija		Indikatur
A.2.1	Fir-rigward tal-ippjanar tal-Istati Membri biex jittestjaw ir-riżorsi finanzjarji għall-finanzjament ta' kontinġenza sabiex jirrispondu għat-theddid għas-saħħa, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:		Indikatur 1-5 jew N/A
		livell	
	L-Istat Membru ma jistax iwieġeb il-mistoqsija [fil-livell ċentrali tal-Istat]	Mhux applikabbli	
	Ma hemm l-ebda pjan biex jitwettqu testijiet tar-riżorsi finanzjarji għall-finanzjament ta' kontinġenza għar-rispons f'dak li huwa theddid għas-saħħa fit-3 snin li ġejjin	1	
	Hemm pjanijiet biex jitwettqu testijiet tar-riżorsi finanzjarji għall-finanzjament ta' kontinġenza għar-rispons f'dak li huwa theddid għas-saħħa fit-3 snin li ġejjin iżda dan huwa fuq bażi *ad hoc*	2	
	Hemm pjanijiet biex jitwettqu testijiet tar-riżorsi finanzjarji għall-finanzjament ta' kontinġenza għar-rispons f'dak li huwa theddid għas-saħħa u dan għandu jitwettaq fuq bażi regolari	3	
	It-testijiet tar-riżorsi finanzjarji għall-finanzjament ta' kontinġenza għar-rispons f'dak li huwa theddid għas-saħħa saru u għadhom jitwettqu fuq bażi regolari	4	
	Skont il-livell 4, u, barra minn hekk, ġew implimentati rakkomandazzjonijiet mit-testijiet u l-pjanijiet korrispondenti ġew rieżaminati u riveduti	5	
	— Kummenti addizzjonali: *L-Istat Membru tiegħek ma jistax iwieġeb din il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat, minħabba oqfsa ta' governanza u leġiżlattivi? (iva)* *F'dan il-każ, jekk jogħġbok indika jekk jintbagħtux rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida fil-livell nazzjonali lill-awtoritajiet reġjonali (iva/le)* *Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk fil-livell ċentrali tafx jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida humiex implimentati fil-livell reġjonali u jekk hemmx lakuni jew sfidi* *Jekk le, jekk jogħġbok spjega:*		
A.2.2	Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Ministeru għall-Finanzi tal-Istat Membru tiegħek għandhom proċeduri ddedikati għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, jekk jogħġbok elabora: (eż. laqgħat regolari, task force konġunta jew grupp ta' ħidma, linji gwida, u miżuri regolatorji, eċċ.) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli

3. **Laboratorju**

	Mistoqsija		Indikatur
A.3.1	Jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek fir-rigward taż-żieda fil-kapaċità tal-ittestjar fil-laboratorju fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika:		Indikatur 1-5
		Livell	
	Ma hemm l-ebda pjan u organizzazzjoni ([1]) biex tiżdied il-kapaċità tal-ittestjar fil-laboratorju f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika	1	
	Qed jiġu żviluppati pjan u organizzazzjoni biex tiżdied il-kapaċità tal-ittestjar fil-laboratorju f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika	2	
	Hemm pjan u organizzazzjoni biex tiżdied il-kapaċità tal-ittestjar fil-laboratorju f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, iżda l-pjan ma ġiex ittestjat f'dawn l-aħħar 3 snin	3	
	Hemm pjan u organizzazzjoni biex tiżdied il-kapaċità tal-ittestjar fil-laboratorju f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u dan il-pjan ġie ttestjat f'test ta' simulazzjoni ta' kriżi fl-aħħar 3 snin	4	
	Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, is-sistema ġiet riveduta kif xieraq	5	
	— Kummenti addizzjonali:		
A.3.2	Jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' testijiet ġodda bbażati fuq l-amplifikazzjoni tal-aċidi nuklejċi (NAATs) u ta' sistemi tal-laboratorju assoċjati adattati fil-każ ta' feġġa ta' patoġenu ġdid b'potenzjal li joħloq pandemija:		Indikatur 1-5
		Livell	
	Fil-kuntest tal-Istat Membru tiegħi, ma jkunx possibbli li jiġu implimentati NAATs ġodda u li s-sistemi tal-laboratorju assoċjati jiġu adattati fi żmien 6 xhur.	1	
	> 3–6 xhur	2	
	> 1–3 xhur	3	
	2–4 ġimgħat	4	
	< ġimagħtejn	5	
	— Kummenti addizzjonali:		

([1]) Hawnhekk, f'din il-mistoqsija, organizzazzjoni tirreferi għal grupp b'mandat uffiċjali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' emerġenza

A.3.3	Jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek,f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika b'potenzjal li tirriżulta f'pandemija li tirrikjedi ttestjar fuq skala kbira	Indikatur 1-5 jew N/A
		Livell
	L-Istat Membru tiegħek ma jistax iwieġeb minħabba diffikultajiet biex jikkwantifika l-kapaċità tal-NAAT skont dawn il-livelli	Mhux applikabbli
	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u meta jkun disponibbli NAAT ivvalidat, ikun possibbli li jiżdiedu s-servizzi dijanjostiċi tal-ittestjar tal-NAAT għal kapaċità ta' ttestjar ta' kampjuni ta' kull ġimgħa li tikkorrispondi għal sa 0,01 % tal-popolazzjoni fl-Istat Membru tiegħi	1
	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u meta jkun disponibbli NAAT ivvalidat, ikun possibbli li jiżdiedu s-servizzi dijanjostiċi tal-ittestjar tal-NAAT għal kapaċità ta' ttestjar ta' kampjuni ta' kull ġimgħa li tikkorrispondi għal 0,01–0,1 % tal-popolazzjoni fl-Istat Membru tiegħi	2
	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u meta jkun disponibbli NAAT ivvalidat, ikun possibbli li jiżdiedu s-servizzi dijanjostiċi tal-ittestjar tal-NAAT għal kapaċità ta' ttestjar ta' kampjuni ta' kull ġimgħa li tikkorrispondi għal 0,1–1 % tal-popolazzjoni fl-Istat Membru tiegħi	3
	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u meta jkun disponibbli NAAT ivvalidat, ikun possibbli li jiżdiedu s-servizzi dijanjostiċi tal-ittestjar tal-NAAT għal kapaċità ta' ttestjar ta' kampjuni ta' kull ġimgħa li tikkorrispondi għal 1–2 % tal-popolazzjoni fl-Istat Membru tiegħi	4
	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u meta jkun disponibbli NAAT ivvalidat, ikun possibbli li jiżdiedu s-servizzi dijanjostiċi tal-ittestjar tal-NAAT għal kapaċità ta' ttestjar ta' kampjuni ta' kull ġimgħa li tikkorrispondi għal > 2 % tal-popolazzjoni fl-Istat Membru tiegħi	5
	— Jekk N/A, jekk jogħġbok ikkwantifika l-kapaċità tal-NAAT skont il-proposta tiegħek stess: — Kummenti addizzjonali:	
A.3.4	L-Istat Membru tiegħek għandu aċċess għal sorsi addizzjonali ta' kapaċità tal-laboratorju għal servizzi dijanjostiċi f'każ fejn tkun meħtieġa kapaċità akbar (eż. laboratorji ta' riċerka jew veterinarji, eċċ.)? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk dan huwiex bi ftehim formali jew fuq bażi *ad hoc*. — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli

A.3.5	L-Istat Membru tiegħek għandu l-kapaċità li jirrapporta r-riżultati tal-ittestjar fil-laboratorju għas-sorveljanza nazzjonali permezz ta' sistema ta' rapportar elettroniku? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, din is-sistema ta' rapportar hija kapaċi timmaniġġa l-informazzjoni tal-ittestjar estiża? (iva/le) — Jekk iva, din is-sistema ta' rapportar hija kapaċi tintegra l-input minn sorsi differenti ta' kapaċitajiet tal-laboratorju (eż. riċerka, sptarijiet, laboratorji kummerċjali jew veterinarji, eċċ.)? (iva/le) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli
A.3.6	Jekk jogħġbok indika jekk l-Istat Membru tiegħek għandux aċċess għal laboratorji ta' kontenitur għoli, jiġifieri laboratorji tal-livell 3 jew 4 tal-bijosikurezza: L-Istat Membru tiegħek għandu aċċess għal laboratorju tal-livell 3 tal-bijosikurezza? (iva/le/oħrajn) — Jekk le, l-Istat Membru tiegħek għandu ftehim formali ma' pajjiż ieħor tal-UE/taż-ŻEE għal dan is-servizz? (iva/le) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: L-Istat Membru tiegħek għandu aċċess għal laboratorju tal-livell 4 tal-bijosikurezza (iva/le/oħrajn) — Jekk le, pajjiżek għandu ftehim formali ma' Stat Membru ieħor tal-UE/taż-ŻEE għal dan is-servizz? (iva/le) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: *F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu*	Mhux applikabbli
A.3.7	L-Istat Membru tiegħek għandu l-kapaċità li jikkaratterizza patoġenu ġdid permezz tas-Sekwenzjar tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGS)? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, id-*data* tal-NGS għas-sorveljanza nazzjonali tiġi rrapportata permezz ta' sistema ta' rapportar elettroniku? (iva/le) — Jekk le, pajjiżek għandu arranġament ma' Stat Membru ieħor? (iva/le). — Jekk iva, jekk jogħġbok indika l-Istat Membru: — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli
A.3.8	L-Istat Membru tiegħek għandu faċilità ddedikata għall-validazzjoni ta' apparati introdotti ġodda għad-dijanjożi tal-patoġenu l-ġdid? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli

4. **Sorveljanza**

	Mistoqsija		Indikatur
A.4.1	Is-sistema ta' sorveljanza tal-Istat Membru tiegħek għall-infezzjonijiet respiratorju akuti tkopri l-livelli kollha tal-kura tas-saħħa? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli
A.4.2	Is-sistemi ta' sorveljanza għal Infezzjoni Respiratorja Akuta (ARI), Marda li Tixbah l-Influwenza (ILI) u Infezzjonijiet Respiratorji Akuti Severi (SARI) huma awtomatizzati ([2]) fl-Istat Membru tiegħek? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli
A.4.3	Is-sistema ta' sorveljanza tal-Istat Membru tiegħek għall-infezzjonijiet respiratorju tkun tista' tiġi estiża matul pandemija (jiġifieri, jiżdiedu l-għadd ta' siti ta' rapportar, il-portata tad-*data* miġbura, il-puntwalità tar-rapportar, eċċ.)? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli
A.4.4	L-Istat Membru tiegħek jista' jimmonitorja l-indikaturi li ġejjin fuq bażi kontinwa u għat-territorju tal-pajjiż kollu, matul emerġenza tas-saħħa pubblika (jiġifieri filwaqt li jqis kapaċitajiet estiżi u/jew kuntesti ġodda)?		Mhux applikabbli
		iva/le	
	Il-kapaċità ta' sodod fl-isptarijiet		
	Il-kapaċità tal-unitajiet tal-kura intensiva fl-isptarijiet		
	Il-kapaċità tas-swali tal-emerġenza tal-isptarijiet		
	L-utilizzazzjoni tal-isptar		
	Il-kapaċità tal-ittestjar		
	Il-kapaċità ta' traċċar tal-kuntatti		
	Oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi		
	— Kummenti addizzjonali:		
A.4.5	Pajjiżek għandu sistema ta' monitoraġġ tal-ilma mormi stabbilita għall-patoġeni respiratorji? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli
A.4.6	Pajjiżek għandu pjanijiet u infrastrutturi għal valutazzjoni f'waqtha u kontinwa ta' theddida ta' pandemija, jiġifieri, għall-valutazzjoni ta':		Mhux applikabbli
		iva/le	
	It-trażmissibbiltà, ir-rotta ta' trażmissjoni, in-numru tar-riproduzzjoni effettiv		
	Is-severità		

([2]) L-awtomatizzazzjoni tirreferi għall-proċess ta' sorveljanza inkorporat fis-sistema tal-forniment tal-kura tas-saħħa b'estrazzjoni u kondiviżjoni awtomatiċi ta' informazzjoni rilevanti, jew tip ieħor ta' awtomatizzazzjoni li jnaqqas id-dipendenza mir-riżorsi umani.

	Il-korrelati immunoloġiċi tal-protezzjoni		
	L-effettività tal-vaċċini		
	It-trajettorji u l-impatt tal-epidemiji permezz ta' mmudellar matematiku		
	Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:		
	— Kummenti addizzjonali:		

5. **Riżorsi umani**

	Mistoqsija						Indikatur
A.5.1	F'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika rigward żieda potenzjali fid-domanda għar-riżorsi umani, jekk jogħġbok indika l-livell tal-Istat Membru tiegħek:						Indikatur 1-5 jew N/A
			Servizzi ta' sptar	Servizzi ta' kura primarja tal-outpatient	Servizzi tal-laboratorju (barra mill-isptarijiet)	Servizzi oħra tas-saħħa pubblika	
	Mhux applikabbli	L-Istat Membru ma jistax iwieġeb il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat					
	Il-livell 1	Ma hemm l-ebda mekkaniżmu biex tiġi żgurata żieda fir-riżorsi umani fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika					
	Il-livell 2	Ma hemm l-ebda mekkaniżmu biex tiġi żgurata żieda fir-riżorsi umani fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika iżda hemm pjan biex issir ħidma fuq strateġija biex din issir fit-3 snin li ġejjin					
	Il-livell 3	Hemm mekkaniżmu biex tiġi żgurata żieda fir-riżorsi umani fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, iżda ma huwiex strument operazzjonali strutturat u lanqas ma jiġi aġġornat regolarment					
	Il-livell 4	Hemm mekkaniżmu biex tiġi żgurata żieda fir-riżorsi umani fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika li jinkludi strument operazzjonali strutturat li jiġi aġġornat regolarment u l-parteċipanti jiġu mħarrġa perjodikament					
	Il-livell 5	Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, dan il-mekkaniżmu jiġi ttestjat biex jiġi żgurat il-funzjonament tiegħu					

	— Kummenti addizzjonali: *Pajjiżek ma jistax iwieġeb din il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat minħabba oqfsa ta' governanza u leġiżlattivi? (iva)* *— F'dan il-każ, jekk jogħġbok indika jekk ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida tal-livell nazzjonali jintbagħtux lill-awtoritajiet reġjonali (iva/le)* *— Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk fil-livell nazzjonali tafx jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida humiex implimentati fil-livell reġjonali u jekk hemmx lakuni jew sfidi identifikati:* *— Jekk le, jekk jogħġbok spjega*	
A.5.2	Jekk jogħġbok indika jekk ir-reġjuni fl-Istat Membru tiegħek għandhomx ftehimiet biex jirċievu/jiskambjaw appoġġ għar-riżorsi umani fis-settur tas-saħħa f'każ ta' bżonn? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli

6. **Ġestjoni ta' emerġenza tas-saħħa**

Il-ġestjoni tar-rispons ta' emerġenza tas-saħħa

	Mistoqsija		Indikatur
A.6.1	Fir-rigward tal-ippjanar tal-prevenzjoni, tat-tħejjija u tar-rispons tal-Istat Membru tiegħek għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, jekk jogħġbok indika jekk pajjiżek jużax: — Pjan ġeneriku [ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons? (iva/le) — Dokumenti ekwivalenti? (iva/le) — Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi: — Jekk oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli
A.6.2	Rigward it-tfassil ta' profili tar-riskju ta' emerġenza tas-saħħa u pjanijiet speċifiċi ta' rispons għall-epidemiji, jekk jogħġbok indika l-livell tal-Istat Membru tiegħek:		Indikatur 1-5
		Livell	
	Ma hemm l-ebda tfassil ta' profil tar-riskju ta' emerġenza tas-saħħa ta' rutina għal theddid transfruntier serju għas-saħħa	1	
	Hemm tfassil ta' profil tar-riskju ta' emerġenza tas-saħħa ta' rutina għal theddid transfruntier serju għas-saħħa	2	
	Hemm tfassil ta' profil tar-riskju ta' emerġenza tas-saħħa ta' rutina għal theddid transfruntier serju għas-saħħa u dan isir mill-inqas darba kull 3 snin	3	
	Hemm tfassil ta' profil tar-riskju ta' emerġenza tas-saħħa ta' rutina għal theddid transfruntier serju għas-saħħa, dan isir mill-inqas darba kull 3 snin u jkun ġie żviluppat pjan(ijiet) speċifiku/speċifiċi għal dan it-theddid jew aktar minn wieħed	4	
	Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, dawn il-pjan(ijiet) ġew ittestjati u riveduti kif meħtieġ	5	

— Kummenti addizzjonali:
— Jekk livell 2 jew ogħla, jekk jogħġbok indika jekk l-Istat Membru tiegħek għandux pjan stabbilit li jindirizza d-disponibbiltà u l-użu (jiġifieri l-iżvilupp, il-manifattura, l-akkwist, il-kumulazzjoni, u d-distribuzzjoni) ta' kontromiżuri mediċi speċifiċi għat-theddid (MCMs) fir-rigward ta':

	Żvilupp (iva/le)	Manifattura (iva/le)	Akkwist (iva/le)	Kumulazzjoni (iva/le)	Distribuzzjoni (iva/le)	Oħrajn:
Mard li jittieħed b'potenzjal epidemiku jew pandemiku						
Theddid kimiku u bijoloġiku relatat						
Aġenti reżistenti għal ħafna mediċini f'sitwazzjoni ta' kriżi						

— Jekk iva għal kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq, jekk jogħġbok speċifika l-aġenti ta' tħassib u l-MCMs relatati:
F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu

A.6.3 Fir-rigward tal-pjan(ijiet) speċifiku/speċifiċi ta' rispons għall-epidemiji tal-Istat Membru tiegħek, jekk jogħġbok indika liema pjan(ijiet) ġie/ġew żviluppat(i) u, meta possibbli, ipprovdi rabta mal-pjan(i) speċifiku/speċifiċi ta' rispons għall-epidemiji: — Mhux applikabbli

A.6.4 Fir-rigward tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Inċidenti (IMS) fil-livell nazzjonali jew l-istruttura ekwivalenti, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek: — Indikatur 1-5

	Livell
Ma hemm l-ebda IMS – jew sistema ekwivalenti – li tgħaqqad is-settur tas-saħħa pubblika ma' dawk li huma involuti fl-ippjanar tat-tħejjija u r-rispons għas-saħħa	1
Ma hemm l-ebda IMS jew sistema ekwivalenti li tgħaqqad is-settur tas-saħħa pubblika ma' dawk li huma involuti fl-ippjanar tat-tħejjija u r-rispons għas-saħħa, hemm pjan biex tinħoloq waħda fit-3 snin li ġejjin	2
Hemm IMS jew sistema ekwivalenti li tgħaqqad is-settur tas-saħħa pubblika ma' dawk li huma involuti fl-ippjanar tat-tħejjija u r-rispons għas-saħħa iżda din ma ġiex ittestjat jew ġiet ttestjata aktar minn 3 snin ilu	3
Hemm IMS jew sistema ekwivalenti li tgħaqqad is-settur tas-saħħa pubblika ma' dawk li huma involuti fl-ippjanar tat-tħejjija u r-rispons għas-saħħa u din ġiet ittestjata fl-aħħar 3 snin	4
Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, l-IMS għandha l-kapaċità li tadatta l-istruttura/ġerarkija ta' kmand u kontroll tagħha (eż. il-kompożizzjoni tagħha, skont in-natura ta' avveniment potenzjali)	5

— Kummenti addizzjonali:

<table>
<tr><td>A.6.5</td><td colspan="2">Rigward l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri tas-saħħa pubblika u soċjali (PHSMs) u fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:</td><td>Indikatur
1-5</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td>Livell</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Ma hemm l-ebda mekkaniżmu għat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tal-PHSMs matul emerġenza tas-saħħa pubblika</td><td>1</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Hemm mekkaniżmu stabbilit biex jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tal-PHSMs matul emerġenza tas-saħħa pubblika, iżda n-natura multidixxiplinari u transsettorjali ma hijiex definita bis-sħiħ</td><td>2</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Hemm mekkaniżmu għall-implimentazzjoni tal-PHSMs matul emerġenza tas-saħħa pubblika u n-natura multidixxiplinari u transsettorjali hija definita bis-sħiħ</td><td>3</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Hemm mekkaniżmu għall-implimentazzjoni tal-PHSMs matul emerġenza tas-saħħa pubblika, li hija multidixxiplinari u transsettorjali u tinkludi dispożizzjonijiet għall-evalwazzjoni tal-puntwalità u l-effettività tal-interventi mhux farmaċewtiċi (NSIs)</td><td>4</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, dan il-mekkaniżmu ġie ttestjat f'dawn l-aħħar 3 snin</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>— Kummenti addizzjonali:</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>A.6.6</td><td colspan="2">Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-għajnuna reċiproka transfruntiera fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) ekwivalenti, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:</td><td>Indikatur
1-5 jew N/A</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td>Livell</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Ma tistax twieġeb il-mistoqsija peress li l-Istat Membru ma għandux pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) ekwivalenti</td><td>Mhux applikabbli</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Il-pjan ta' tħejjija u rispons jew dokument(i) ekwivalenti ma jinkludix għajnuna reċiproka transfruntiera</td><td>1</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Il-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) ekwivalenti jinkludu għajnuna reċiproka transfruntiera</td><td>2</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Il-pjan ta' tħejjija u rispons jew dokument(i) ekwivalenti jinkludi għajnuna reċiproka transfruntiera, u dan ġie ttestjat b'mill-inqas Stat Membru wieħed</td><td>3</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Il-pjan ta' tħejjija u rispons jew dokument(i) ekwivalenti jinkludi għajnuna reċiproka transfruntiera, u dan ġie ttestjat b'mill-inqas Stat Membru wieħed u aġġornat meta rilevanti</td><td>4</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, l-informazzjoni relatata mal-għajnuna reċiproka transfruntiera kif ukoll ir-riżultati tal-ittestjar ġew kondiviżi fil-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC)</td><td>5</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">— Kummenti addizzjonali:
— Jekk livell 2 jew ogħla, jekk jogħġbok niżżel it-tip ta' għajnuna reċiproka transfruntiera inkluża u ma' liema Stat Membru:</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="2">Pajjiż/Ragruppament ta' Stati Membri (jekk jogħġbok speċifika):</td><td>Tip ta' għajnuna reċiproka transfruntiera (jekk jogħġbok speċifika):</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">— Jekk livell 3 jew ogħla, jekk jogħġbok niżżel l-Istati Membri u t-tip ta' għajnuna reċiproka transfruntiera li ġiet ittestjata:</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="2">Pajjiż/Ragruppament ta' pajjiżi (jekk jogħġbok speċifika):</td><td>Tip ta' għajnuna reċiproka transfruntiera (jekk jogħġbok speċifika):</td></tr>
</table>

	L-Istat Membru tiegħek ma jistax iwieġeb din il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat minħabba oqfsa ta' governanza u leġiżlattivi? (iva) — *F'dan il-każ, jekk jogħġbok indika jekk jintbagħtux ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida fil-livell nazzjonali lill-awtoritajiet reġjonali (iva/le)* — *Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk fil-livell nazzjonali tafx jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida humiex implimentati fil-livell reġjonali u jekk hemmx lakuni jew sfidi identifikati:* — *Jekk le, jekk jogħġbok spjega:*	
A.6.7	Il-pjan ta' tħejjija u ta' rispons tal-Istat Membru tiegħek jew dokument(i) ekwivalenti jiżguraw mekkaniżmi nazzjonali speċifiċi ta' koordinazzjoni ([3]) għat-tħejjija u r-rispons f'każ ta' xenarju ta' rilaxx intenzjonat? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, l-istruttura ta' governanza għar-rispons – bejn is-settur tas-saħħa u setturi kritiċi oħra għall-ġestjoni tar-rispons – hija ċara u definita? (iva/le) — Jekk iva, jekk jogħġbok agħti parir dwar liema settur imexxi r-rispons: — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: *F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu*	Mhux applikabbli

Il-ġestjoni tal-loġistika u tal-katina tal-provvista ta' emerġenza

	Mistoqsija		Indikatur
Domanda u provvista tal-MCMs kritiċi			
A.6.8	L-Istat Membru tiegħek identifika MCMs kritiċi għat-tħejjija u r-rispons għal theddid transfruntier serju għas-saħħa? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, hemm lista? (iva/le) — Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi iperlink jew il-lista nnifisha. *(Jekk jogħġbok inkludi iperlink ta' dawn l-MCMs ikkategorizzati skont theddid speċifiku, jekk applikabbli.)* — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: *F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu*		Mhux applikabbli
A.6.9	Fir-rigward tal-politiki jew tal-pjanijiet nazzjonali għall-monitoraġġ tal-provvista u għall-istima tad-domanda tal-MCMs kritiċi, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:		Indikatur 1-5
		Livell	
	Ma hemm l-ebda politika jew pjan nazzjonali previsti għall-monitoraġġ tal-provvista u għall-istima tad-domanda tal-MCMs kritiċi	1	

([3]) Hawnhekk dan jirreferi għall-koordinazzjoni bejn setturi bħas-sigurtà, il-ġustizzja, id-difiża u l-protezzjoni ċivili li tippermetti mekkaniżmu speċifiku għat-tħejjija u r-rispons għal rilaxx intenzjonat.

	Qed jiġu kkunsidrati politiki jew pjanijiet nazzjonali għall-monitoraġġ tal-provvista u għall-istima tad-domanda tal-MCMs kritiċi	2	
	Hemm politiki jew pjanijiet nazzjonali għall-monitoraġġ tal-provvista u għall-istima tad-domanda tal-MCMs kritiċi	3	
	Hemm politiki jew pjanijiet nazzjonali għall-monitoraġġ tal-provvista u l-istima tad-domanda tal-MCMS kritika, li jiġu rieżaminati, evalwati u aġġornati fuq bażi regolari	4	
	Hemm politiki jew pjanijiet nazzjonali għall-monitoraġġ tal-provvista u l-istima tad-domanda tal-MCMs kritiċi, li jiġu rieżaminati, evalwati u aġġornati fuq bażi regolari inkluża analiżi tad-diskrepanza tal-provvista u tad-domanda	5	
	— Jekk iva, ipprovdi dettalji dwar kif il-politiki u l-pjanijiet nazzjonali jimmonitorjaw il-provvista u jistmaw id-domanda: — Kummenti addizzjonali:		
A.6.10	Fir-rigward tal-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) jew mekkaniżmi ekwivalenti biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista ta' MCMs kritiċi, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:		Indikatur 1-5
		Livell	
	Ma hemm l-ebda dispożizzjoni prevista fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew f'dokument(i) jew f'mekkaniżmi ekwivalenti biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista tal-MCMs kritiċi	1	
	Qed jiġu kkunsidrati dispożizzjonijiet fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) jew mekkaniżmu ekwivalenti biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista tal-MCMs kritiċi	2	
	Hemm dispożizzjonijiet fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) jew mekkaniżmu ekwivalenti biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista ta' MCMs kritiċi. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet għadhom ma ġewx implimentati	3	
	Hemm dispożizzjonijiet fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) jew mekkaniżmu ekwivalenti biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista ta' MCMs kritiċi. Madankollu, ftit minnhom biss huma implimentati jew qed jiġu implimentati	4	
	Hemm dispożizzjonijiet fil-pjan ta' tħejjija u ta' rispons jew dokument(i) jew mekkaniżmu ekwivalenti biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista ta' MCMs kritiċi. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kollha implimentati	5	
	— Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-politiki nazzjonali: — Kummenti addizzjonali:		

Produzzjoni tal-MCMs

A.6.11	Jekk jogħġbok indika l-MCMs kritiċi msemmija fil-mistoqsija A.6.8 li bħalissa huma prodotti fl-Istat Membru tiegħek kif ġej:			Mhux applikabbli
	Tip ta' produzzjoni	Informazzjoni dwar il-prodott (jekk materja prima jew komponenti jekk jogħġbok żid ukoll informazzjoni dwar l-MCMs li għalihom huma meħtieġa l-prodotti)	Informazzjoni dwar l-operatur ekonomiku inkluż l-indirizz	
	Produzzjoni sħiħa inklużi materja prima/komponenti/ingredjenti farmaċewtiċi attivi (APIs)			
	Prodotti lesti, jekk jogħġbok identifika l-MCM, il-produttur tal-prodott lest u l-forniturikritiċi (inkluż il-post) li fuqhom tibbaża l-produzzjoni			
	Produzzjoni ta' materja prima kritika/komponenti/APIs tal-MCMs: jekk jogħġbok identifika l-produttur u l-MCMs rilevanti li jeħtieġu dawn il-materjali għall-proċess tal-manifattura tiegħu.			
	— Kummenti addizzjonali: *F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu*			
A.6.12	L-Istat Membru tiegħek għandu arranġamenti eżistenti jew ippjanati biex jiżgura li l-manifattura ta' MCMs rilevanti għall-kriżijiet tista' tiżdied fil-ħin fi żminijiet ta' kriżi, pereżempju permezz ta' kuntratti ta' riżerva tal-prodotti jew tal-kapaċità jew mekkaniżmu ieħor? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, ipprovdi lista ta' MCMs speċifiċi u tat-tip ta' arranġament: — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: *F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu*			Mhux applikabbli

Ħażniet strateġiċi ([4])

A.6.13	L-Istat Membru tiegħek għandu ħażniet strateġiċi nazzjonali ta' MCMs? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, jekk jogħġbok indika: — liema MCMs huma koperti minn din il-ħażna: — it-tip ta' ħażna (virtwali/fiżika): — id-daqs tal-istokk — Jekk iva, jekk jogħġbok indika kif timmaniġġa l-ħażna tiegħek u jekk hemmx rekwiżiti għall-użu tal-MCMs miżmuma fil-ħażna: — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: *F'konformità mal-Artikolu 346(1) tat-Trattat, l-ebda Stat Membru ma huwa obbligat jagħti informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqis li jmur kontra l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu*	Mhux applikabbli

([4]) Stokk ta' farmaċewtiċi u tagħmir mediku miżmuma mill-Istati Membri biex isalvaw il-ħajjiet fi kriżi.

7. **Forniment ta' servizzi tas-saħħa**

<table>
<tr><td></td><td colspan="6">Mistoqsija</td><td>Indikatur</td></tr>
<tr><td>A.7.1</td><td colspan="6">Il-pjan ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons tal-Istat Membru tiegħek jew dokument(i) ekwivalenti jipprevedu valutazzjoni tal-previżjoni tal-impatt potenzjali ta' emerġenza tas-saħħa fuq il-kontinwità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa? (iva/le/oħrajn)
— Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:</td><td>Mhux applikabbli</td></tr>
<tr><td>A.7.2</td><td colspan="6">Fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fejn hemm żieda fid-domanda għall-provvista tal-kura tas-saħħa u tnaqqis potenzjali fil-persunal tal-kura tas-saħħa, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti tal-Istat Membru tiegħek:</td><td>Indikatur
1-5 jew N/A</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>Servizzi ta' sptar</td><td>Servizzi ta' kura primarja tal-outpatient</td><td>Servizzi tal-laboratorju (barra mill-isptarijiet)</td><td>Servizzi oħra tas-saħħa pubblika</td><td></td></tr>
<tr><td>Mhux applikabbli</td><td>L-Istat Membru ma jistax iwieġeb il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-livell 1</td><td>L-Istat Membru tiegħek ma għandux pjan operazzjonali ddedikat għall-kontinwità tas-servizz tal-kura tas-saħħa</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-livell 2</td><td>L-Istat Membru tiegħek għandu pjan operazzjonali ddedikat għall-kontinwità tas-servizz tal-kura tas-saħħa</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-livell 3</td><td>L-Istat Membru tiegħek għandu pjan operazzjonali ddedikat għall-kontinwità tas-servizz tal-kura tas-saħħa, iżda ma ġiex ittestjat f'dawn l-aħħar 3 snin</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-livell 4</td><td>L-Istat Membru tiegħek għandu pjan operazzjonali ddedikat għall-kontinwità tas-servizz tal-kura tas-saħħa, u ġie ttestjat f'dawn l-aħħar 3 snin</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-livell 5</td><td>Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet mill-ittestjar ġew implimentati u l-pjan operazzjonali ġie rieżaminat u rivedut</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="7">— Jekk livell 2 jew ogħla, jekk jogħġbok indika jekk dan jinkludix mekkaniżmu għall-prijoritizzazzjoni/flessibbiltà tal-provvista tas-servizz tas-saħħa biex tiġi żgurata biżżejjed kontinwità tal-kura? (iva/le/oħrajn)
— Jekk iva, dan huwa mekkaniżmu permanenti jew *ad hoc*?
— Jekk iva, il-mekkaniżmu ġie ttestjat fl-aħħar 3 snin u hemm dispożizzjoni għal ittestjar regolari?
— Jekk le, jekk jogħġbok iddeskrivi għaliex:
— Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:</td></tr>
</table>

	— Kummenti addizzjonali: *L-Istat Membru tiegħek ma jistax iwieġeb din il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat minħabba oqfsa ta' governanza u leġiżlattivi? (iva)* — *F'dan il-każ, jekk jogħġbok indika jekk jintbagħtux ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida fil-livell nazzjonali lill-awtoritajiet reġjonali (iva/le)* — *Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk fil-livell nazzjonali tafx jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida humiex implimentati fil-livell reġjonali u jekk hemmx lakuni jew sfidi identifikati:* — *Jekk le, jekk jogħġbok spjega*		
A.7.3	Jekk jogħġbok indika jekk l-Istat Membru tiegħek jiżgurax koordinazzjoni interdixxiplinari tal-ġestjoni tal-kriżijiet bejn l-atturi kollha tas-sistema tal-kura tas-saħħa (eż. servizzi tal-isptar, servizzi ta' salvataġġ, servizzi oħra tas-saħħa pubblika, servizzi tal-kura primarja outpatient, spiżeriji, servizzi tal-laboratorju, servizzi tal-infermerija/ta' riabilitazzjoni)? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:		Mhux applikabbli
A.7.4	Rigward il-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat tal-Istat Membru tiegħek għall-fornituri tal-kura tas-saħħa f'każ ta' avveniment ta' tfixkil, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti ta' pajjiżek:		Indikatur 1-5 jew N/A
		Livell	
	L-Istat Membru ma jistax iwieġeb il-mistoqsija [fil-livell ċentrali tal-Istat]	Mhux applikabbli	
	Ma hemm l-ebda gwida/rakkomandazzjoni nazzjonali għall-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat (jew ekwivalenti bħal pjanijiet ta' kontinġenza) biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa	1	
	Hemm gwida/rakkomandazzjonijiet nazzjonali għall-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat (jew ekwivalenti bħal pjanijiet ta' kontinġenza) biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa	2	
	Hemm gwida/rakkomandazzjonijiet nazzjonali għall-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat (jew ekwivalenti bħal pjanijiet ta' kontinġenza) biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-gwida/ir-rakkomandazzjonijiet ġew rieżaminati u riveduti f'dawn l-aħħar 3 snin	3	
	Hemm gwida/rakkomandazzjonijiet nazzjonali għall-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat (jew ekwivalenti bħal pjanijiet ta' kontinġenza) biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-gwida/ir-rakkomandazzjonijiet ġew rieżaminati u riveduti f'dawn l-aħħar 3 snin bl-użu ta' approċċ transsettorjali	4	
	Skont il-livell 4 u, barra minn hekk, is-servizzi tal-kura tas-saħħa kollha jimplimentaw il-gwida/ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali għall-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat	5	
	— Kummenti addizzjonali: *L-Istat Membru tiegħek ma jistax iwieġeb din il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat minħabba oqfsa ta' governanza u leġiżlattivi? (iva)* — *F'dan il-każ, jekk jogħġbok indika jekk jintbagħtux ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida fil-livell nazzjonali lill-awtoritajiet reġjonali (iva/le)* — *Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk fil-livell nazzjonali tafx jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida humiex implimentati fil-livell reġjonali u jekk hemmx lakuni jew sfidi identifikati:* — *Jekk le, jekk jogħġbok spjega*		

A.7.5	Jekk jogħġbok indika jekk l-Istat Membru tiegħek jirrikjedix li l-isptarijiet ikollhom pjan ta' twissija u ta' rispons tal-isptar jew dokument(i) ekwivalenti ([5]) sabiex jitħejjew għal emerġenzi tas-saħħa pubblika li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità u l-funzjoni ta' sptar? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk il-pjanijiet jinkludux struzzjonijiet dwar kif għandha tiġi sostnuta l-kura tal-pazjent f'każ ta' nuqqas (personal mediku, ħażniet mediċi, faċilitajiet ta' trattament) jew ħsara teknika (eż. enerġija, ilma, IT): — Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk dawn il-pjanijiet jew dokument(i) ekwivalenti humiex ittestjati fuq bażi regolari: — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi: *L-Istat Membru tiegħek ma jistax iwieġeb din il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat minħabba oqfsa ta' governanza u leġiżlattivi? (iva)* — *F'dan il-każ, jekk jogħġbok indika jekk jintbagħtux ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida fil-livell nazzjonali lill-awtoritajiet reġjonali (iva/le)* — *Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk fil-livell nazzjonali tafx jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet/il-linji gwida humiex implimentati fil-livell reġjonali u jekk hemmx lakuni jew sfidi identifikati:* — *Jekk le, jekk jogħġbok spjega:*	Mhux applikabbli
A.7.6	L-Istat Membru tiegħek għandu l-kapaċità li jidentifika minnufih is-servizzi tas-saħħa disponibbli f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika? (iva/le/oħrajn) — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli
A.7.7	Il-pjan ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons tal-Istat Membru tiegħek jew dokument(i) ekwivalenti jinkludu ftehimiet u/jew dispożizzjonijiet għat-trasferiment mediku tal-pazjenti u/jew timijiet mediċi mobbli ma' pajjiżi oħra? (iva/le/oħrajn) — Jekk iva, jekk jogħġbok elenka l-pajjiżi involuti: — Jekk tagħżel oħrajn, jekk jogħġbok iddeskrivi:	Mhux applikabbli

([5]) Bħal pjan ta' rispons u operazzjonali tal-isptar

8. **Komunikazzjoni tar-riskju**

	Mistoqsija		Indikatur
A.8.1	Fir-rigward tal-komunikazzjoni tar-riskju, jekk jogħġbok indika l-livell korrispondenti ta' pajjiżek:		Indikatur 1-5 jew N/A
		livell	
	L-Istat Membru ma jistax iwieġeb il-mistoqsija fil-livell ċentrali tal-Istat	Mhux applikabbli	
	Ma hemm l-ebda pjan nazzjonali separat għall-komunikazzjoni tar-riskju jew taqsima tal-komunikazzjoni tar-riskju bħala parti minn pjan ta' tħejjija u ma hemmx rispons jew dokument(i) ekwivalenti stabbilit u l-mekkaniżmi għall-komunikazzjoni pubblika huma fuq bażi *ad hoc* u jinkludu biss enfasi fuq il-media konvenzjonali	1	
	Qed jiġi żviluppat pjan nazzjonali separat ta' komunikazzjoni tar-riskju jew taqsima fi pjan ta' tħejjija u rispons jew dokument(i) ekwivalenti u l-mekkaniżmi għall-komunikazzjoni pubblika huma fuq bażi *ad hoc* u jinkludu media konvenzjonali b'enfasi minima fuq l-Internet u l-media soċjali	2	
